## KIF TIPPREPARA GĦAL SCIP?

1. Sir af jekk hemm bżonn li tissottometti notifika ta' SCIP
2. Kun af u ifhem ir-rekwiżiti ta' informazzjoni
3. Kun af il-portafoll tal-oġġetti tiegħek
4. Adatta d-data tiegħek
5. Ipprepara s-sottomissjoni tiegħek
6. Issottometti n-notifika tiegħek



©iStock.com/ipopba

ECHA-20-P-03-MT - ED-03-20-213-MT-N - ISBN:978-92-9481-407-4 - DOI:10.2823/94974

**Sir af aktar:**
https://echa.europa.eu/scip-database

**Sib appoġġ:**
echa.europa.eu/scip-support

echa.europa.eu

Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
Telakkakatu 6
Kaxxa Postali 400
FI-00121 Helsinki, Finland

ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

©iStock.com/popartic

Traċċar ta' sustanzi kimiċi perikolużi fl-oġġetti u fil-prodotti

# SCIP Bażi ta' data

## X'għandek tkun taf



## L-OĠĠETTI TIEGĦEK FIHOM SUSTANZI TA' TĦASSIB SERJU ĦAFNA (SVHCS)?

## QED TPOĠĠIHOM FIS-SUQ TAL-UE?

Jekk l-oġġetti li tipproduċi, tarma, timporta jew tqassam fihom SVHCs fuq il-Lista ta' Kandidati tal-ECHA f'konċentrazzjoni ta' piż ta' aktar minn 0.1 % skont il-piż:

➡ Jenħtieġ tinnotifikahom fil-bażi ta' data tal-SCIP.

Jekk int bejjiegħ bl-imnut u tforni l-oġġetti tiegħek lill-konsumaturi biss, m'hemmx bżonn li tinnotifika.

L-obbligu ta' notifika tal-SCIP għall-kumpaniji japplika minn Jannar 2021.

## X'INHU OĠĠETT?

Oġġett huwa prodott li matul il-produzzjoni jingħata forma, superfiċje jew disinn speċjali, li jiddeterminaw il-funzjoni tiegħu sa grad ikbar mill-kompożizzjoni kimika tiegħu.

## X'GĦANDEK TAGĦMEL?

Jenħtieġ li tissottometti lill-ECHA l-informazzjoni li ġejja:

- identifikazzjoni tal-oġġett tiegħek;
- l-isem, il-firxa tal-konċentrazzjoni u l-post tas-sustanzi tal-Lista ta' Kandidati preżenti fih; u
- informazzjoni oħra li tippermetti l-użu sikur tiegħu – jiġifieri informazzjoni biex tiżgura li l-oġġett jiġi mmaniġġjat kif suppost meta jsir skart.

L-informazzjoni fil-bażi ta' data tal-SCIP issir disponibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari għall-operaturi tal-iskart u għall-konsumaturi.

L-ECHA tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, pereżempju, ir-rabtiet bejn l-atturi fl-istess katina tal-provvista.




©iStock.com/grafner




## X'INHU L-GĦAN?

Il-bażi ta' data tal-SCIP għandha l-għan li żżid l-għarfien dwar is-sustanzi kimiċi perikolużi fl-oġġetti u fil-prodotti tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom – inkluż fl-istadju tal-iskart.

Barra minn hekk, din:

- għandha l-għan ukoll li tnaqqas is-sustanzi perikolużi fl-iskart;
- tħeġġeġ is-sostituzzjoni ta' dawn is-sustanzi b'alternattivi aktar sikuri; u
- tikkontribwixxi għal ekonomija ċirkolari aħjar.

## BENEFIĊĊJI GĦALL-OPERATURI TAL-ISKART U L-KONSUMATURI

L-informazzjoni fil-bażi ta' data tal-SCIP tgħin lill-operaturi tal-iskart biex itejbu l-prattiki tal-immaniġġjar tal-iskart u tippromwovi l-użu tal-iskart bħala riżorsa.

Il-konsumaturi jibbenefikaw minn għarfien miżjud dwar is-sustanzi kimiċi perikolużi fil-prodotti. Dan ser jgħinhom biex jagħmlu għażliet infurmati aħjar meta jixtru prodotti u jippromwovu d-"dritt tagħhom li jistaqsu".